MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 335/2014

**PF Steel (C-45128)**

**vs**

**Laura Agius (K.I. 105776)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors ta' Lara Agius datat il-21 ta' April, 2014, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi permezz t'ittra ufficcjali datata is-6 ta' Frar, 2014, kienet giet interpellata thallas lis-socjeta` *PF Steel Limited* is-somma hemm indikata ghal kambjali u ghall-mghax dovut;

1.2 Illi l-istess Agius ikkontestat il-kambjali in dizamina`;

1.3 Illi is-socjeta` fuq riferita ottjeniet ukoll mandat ta' sekwestru ezekuttiv fir-rigward, kontra l-imsemmija Agius;

1.4 Illi b'rikors datat l-4 t'April, 2014, Agius talbet is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' l-istess kambjali;

1.5 Illi l-istess Agius issostni li mhix tifhem kif gie intavolat il-mandat ezekutiv in dizamina` fil-konfront taghha;

1.6 Illi din it-talba hi abbuz mill-ligi intiza biss biex tohloq pressjoni indebita u pressjoni morali fuq ir-rikorrenti odjerna Agius;

1.7 Illi l-ittra ufficjali in dizamina` li fuqha jistrieh il-mandat *de quo* hi nulla;

1.8 Illi *di piu`*, l-ebda ammont m'hu dovut mir-rikorrenti Agius lis-socjeta` intimata;

1.9 Illi l-kambjali involuti huma nulli;

1.10 Illi ghalhekk, il-mandat in dizamina` ghandu jigi revokat;

1.11 Illi *in subsidium*, il-parti tas-sekwestru li tolqot il-paga ghandha tigi revokata stante li l-ammont involut hu bzonjuz ghall-ghajxien tal-familja taghha *molto piu`* meta hi l-istess Agius li hi l-*principle bread winner* tal-familja, li tinkludi zewgt itfal ta' eta` ta` erba` (4) u tlett (3) snin;

1.12 Illi in vista tas-suespost, ir-rikorrenti Agius aderiet din il-qorti biex din:

1.12.1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 565/2014 fuq riferit;

1.12.2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba tar-rikorrenti Agius, tirrevoka dik il-parti tal-mandat *de quo* rigwardanti il-paga tar-rikorrenti;

1.12.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata;

2.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata t-12 ta' Mejju, 2014, li sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi il-mandat minnha intavolat la hu intempestiv u lanqas abbusiv;mhix tikkontesta l-fatti kif esposti mill-intimati;

2.2. Illi l-ittra ufficjali taghha tas-6 ta' Frar, 2014, irrendiet il-kambjali in dizamina` esekuttivi u kienet debitament notifikata lir-rikorrenti odjerna wara wara sforzi kospikwi;

2.3. Illi l-mandat in dizamina gie intavolat wara perjodu konsiderevoli, (tmienja u ghoxrin (28) jum), biex ir-rikorrenti Agius tilhaq tirregola ruhha;

2.4. Illi n-nullita` tal-ittra ufficjali vantata mir-rikorrenti hi ghal kollox infondata;

2.5. Illi r-rikorrenti Agius ma sofriet l-ebda pregudizzju fir-rigward;

2.6. Illi fil-procedura in dizamina` ir-rikorrenti hi prekluza milli tinvesti il-meritu tal-vertenza kif qed tittenta li taghmel permezz tar-rikors *de quo*;

2.7. Illi m'hemm l-ebda ftehim ta' tpacija bejn il-kontendenti;

2.8. Illi qatt ma giet ezercitata vjolenza fuq ir-rikorrenti;

2.9. Illi hadd m'hu ezonorat mill-obbligi civili tieghu;

3. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi tenut kont tas-suespost, il-vertenza in dizamina tirrizulta li ghandha zewg (2) komponenti distinti u separati minn xulxin, senjatament:

5.1. Id-dritt tas-socjeta` intimata li tipprotegi d-drittijiet taghha skond il-ligi;

5.2. Id-dritt li kwalunkwe debitur, fil-kaz odjern ir-rikorrenti Agius, li tirrikjama l-ghajnuna kurjali biex tipprotegi l-manteniment taghha u tal-familja taghha skont il-parametri statutorji prestabbiliti;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-ewwel rekwizit fuq indikat jinghad sintetikament is-segwenti:

6.1. Illi il-vertenza in dizamina` li zviluppat bejn il-kontendenti tirrizulta li zviluppat a bazi t'ittra ufficjali fuq riferita li zviluppat fi dritt ezekuttiv favur is-socjeta` intimata;

6.2. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li kull ma jirrizulta fir-rigward hu biss li l-azzjonijiet li s-socjeta` qed tindirizza fil-konfront tar-rikorrenti huma intizi biss biex jittutalaw dawk id-drittijiet li l-istess socjeta` jidhrilha li tippossjedi;

6.3. Illi ghalhekk, l-azzjonijiet mehuda mis-socjeta` intimata ma jirrizultawx li huma nulli izda huma ezercitati biss in esekuzzjoni ta' drittijiet li hi jidhrilha li tivvanta fir-rigward u xejn aktar;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tieni rekwizit fuq indikat ghandu jinghad is-segwenti:

7.1. Illi fir-rigward ghandu jkun pacifiku li l-artiklu 382 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hu applikabbli, u dan, ghaliex jirrizulta;

7.1.1. Illi r-rikorrenti Agius hi l-"*principle bread-winner*" tal-familja taghha;

7.1.2. Illi a karigu taghha ghandha ragel li jirrizulta jithallas saltwarjament u zewg (2) minuri;

7.2. Illi f'dan ix-xenarju l-imsemmi artiklu fuq riferit, (ara paragrafu sebgha punt wiehed, (7.1.), aktar qabel, jiskatta u ghandu jigi segwit;

DECIDE

8.0. Illi ghaldaqstant, in vista tas-suespost, filwaqt li in parte takkolji r-rikors in dizamina`, takkolji in parte ukoll ir-risposta tas-socjeta` intimata u konsegwentement:

8.1. Filwaqt li zzomm ferm il-mandat ta’ sekwestru numru 565/2014 fuq riferit;

8.2. Tapplika l-effetti kollha tal-artiklu 382 tal-Kap 12 fuq indikat u tordna li s-sekwestru *de quo* ghandu japplika ghall-eccess tal-ammont tas-salarju kif stabbilit fl-istess artiklu *de quo*;

8.3. Illi in vista tal-procedura li ghadha pendenti fuq il-mertu in dizamina, l-ispejjez ta’ din il-procedura odjerna jigu decizi fil-procedura koncernanti l-mertu.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------